

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12593/18

FIN 729
INST 349
PE-L 47

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2019

1. Matul is-Sessjoni plenarja tiegħu ta' Ottubru II (22-25 ta' Ottubru 2018), il-Parlament Ewropew biħsiebu jadotta emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2019, kif rakkomandat mill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew fis-26 ta' Settembru 2018. F'din l-okkażjoni, il-Presidenza tal-Kunsill għandha tiegħu nota ta' dan il-fatt, u konsegwentement taqbel li l-President tal-Parlament Ewropew ilaqqqa' l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni kif meħtieġ (punt (c) tal-Artikolu 314(4) TFUE).
2. Fit-2 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill eżamina dawk l-emendi u qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li ma setax japprovahom kollha. Għall-finijiet tal-kontinwazzjoni tal-proċedura baġitarja għall-2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu għalhekk mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill biex:
 - jikkonferma li ma jistax japprova l-emendi kollha għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2019 jekk jiġu adottati mill-Parlament Ewropew;
 - japprova l-abbozz ta' ittra lill-Parlament Ewropew annessa, għal dak il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

kopja : President tal-Kummissjoni Ewropea

Sinjur,

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 314(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ninfurmak li l-Kunsill ma jistax japprova l-emendi kollha adottati mill-Parlament Ewropew fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2019.

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni previst fl-Artikolu 314(5) TFUE jista' għalhekk jiltaqa' mill-aktar fis possibbli.

(Formula ta' għeluq).
